Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar Il-Ħamis, 20 t' Awwissu 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Attivitajiet f' Settembru
5. Dokumenti Amministrattivi
6. Mozzjonijiet
7. Website
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku qabel għaddha għall item tal-korezzjoni appella lill-Kunsilliera biex inkunu konformi mal-liġi u l-laqgħa issir fi żmien erba' ġimgħat. Huwa qal li hija x-xewqa tiegħu li kulħadd ikun preżenti waqt il-laqgħa imma dan mhux dejjem ikun possibli.

1.2 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li l-kwalifika fuq il-kors li semmiet huwa ekwivalenti għall livell 5 diploma.

1.3 Il-Kunsilliera Camilleri qalet li fuq punt 3.7 dan jismu Active Citizens for Climate Change. Fuq punt 3.12 il-Kunsilliera Camilleri qalet li l-proġett jismu Eden a Taste of the Mediterranean.

1.4 Il-Kunsilliera Camilleri qalet li l-bozza li saret fi Triq Sant' Andrija il-problema kienet li din mhux qed tagħti dawl biżejjed.

1.5 Il-Viċi Sindku semmiet li fuq punt 3.40 dawn kellhom ikunu għalliema u mhux ġenituri.

1.6 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li fuq punt 3.41 il-bankina hija maqlugħa.

1.7 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li fuq punt 7.2 dawn id-dokumenti kellhom ikunu ippreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill xaharejn ilu u kellha titneħħa l-item tal-Partit.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 3.2 jekk il-Kunsill kienx impjega lil xi ħadd fuq il-knies. Is-Sindku qallu li sakemm ikun hemm deċiżjoni minn naħa tal-Bord tal-Appelli se jkun hemm il-ħaddiema tal-Community Work Scheme li kien hemm ingaġġati mal-Kunsill li qed jagħmlu x-xogħol tal-knies u meta jkun hemm każ t' emergenza l-Kunsill jikkordina mal-kollettur tal-iskart domestiku biex jiġbor l-iskart li jkun akkumula. Il-Kunsilliera qablu li jibqa jsir ix-xogħol hekk sakemm ikun hemm deċiżjoni mill-Bord tal-Appelli.

2.2 Is-Sindku qal li huwa qed jinnotta li matul li huwa jkun qed jdur u jara t-toroq huwa jara li ma tantx ikun hemm ħmieġ. Is-Sindku semma li huwa dejjem jibgħat lill-ħaddiema biex iduru ċ-ċentru minn fejn il-Covenience sal-Pjazza.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm in-Ninja Store hemm ħafna ħmieġ u kien diġa kellem lis-Segretarju biex inaddfu hemm. Is-Sindku semma li huwa ma kienx jaf, huwa qal li bħalissa huma għandhom xi xogħolijiet u jistgħu jnaddfu dil-parti l-ġimgħa d-dieħla.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn jitnaddfu l-water culverts. Is-Sindku semma li kienu inġiebu stimi għall dan ix-xogħol imma kienu għoljin. Huwa qal lis-Segretarju biex iġib iktar stimi.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn ikun hemm railing pulit quddiem l-uffiċċju amministrattiv. Is-Sindku qal biex filkaż jinġiebu stimi.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm bżonn li ssir bozza fi Triq l-Iskola. Is-Segretarju semma li l-Kunsill kien applikka għaliha.

3.5 Il-Kunsillier Caruana semma li fejn hemm il-marki taż-żebgħa fit-toroq dawn qed jiffadjaw. Is-Sindku qallu biex jara liem huma dawn il-marki u kif il-ħaddiema jkunu naqa ħfief mix-xogħol jagħmlu dawn ix-xogħolijiet taż-żebgħa.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li fi Triq Santa Marija qed jipparkjaw quddiem ta' Grima meta mhux suppost. Is-Sindku qal biex filkaż jibgħat lil ħaddiema u jekk kien hemm xi żebgħa li marret din terġa ssir.

3.7 Il-Kunsillier Caruana semma fuq il-lattrina din tistax tiġi rranġata. Is-Sindku qal li din bħalissa qed tkun irranġata minn ħaddiema tal-IPSL u l-quddiem nipproġettaw għaliha fil-baġitt. Is-Sindku qal li din trid terġa tinbena mill-ġdid.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li meta l-ħaddiema jkunu qed jagħmlu x-xogħol tal-knies irid ikollhom ukoll magħżqa magħhom biex il-ħaxix li jkun hemm jaqtgħuh. Is-Sindku qallu biex filkaż idur fuqhom u jara x-xogħolijiet tagħhom.

3.9 Il-Viċi Sindku qalet li l-bankina li hemm quddiem il-Convenience hemm bżonn li din issir.

3.10 Is-Sindku semma li hemhekk kien se jsir traffic management għall area ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra kollha u anki iltaqa ma uffiċċjal tat-trasport pubbliku biex ikun individwat post fejn jista jsir bus shelter li dan jista jsir fuq il-parti ta' ġewwa.

3.11 Il-Kunsillier Caruana qallu li hekk se jkun hemm problema għall dawk li joħorġu minn Triq Dun Ġużepp Micallef. Is-Sindku qallu li hemm tista ssir one way fil-post. Il-Kunsillier Caruana qallu li jekk ikun hemm dan l-arranġament tissolva l-problema.

3.12 Il-Viċi Sindku saqsiet fuq it-toqob tal-imwejjed li kellhom isiru fil-Family Park. Is-Segretarju qal li dawn irridu naraw kif isiru.

3.13 Is-Sindku ressaq invit li wasal minn naħa tal-Youth Centre bħala stedina lill-Kunsilliera għall lejla sajfija.

3.14 Is-Sindku ippreżenta biljett ta vjaġġ fl-Awstrija lill-Kunsilliera Elaine Camilleri li kien ingħata mill-organiżżaturi tal-konferenza Active Citizens for Active Climate Protection sabiex hija tattendi għall dan l-avveniment.

3.15 Is-Sindku qara email dwar il-program Erasmus fejn kien hemm l-opportunita li jkun hemm ingaġġati persuni mal-Kunsill Lokali fuq perjodu temporanju. Huwa ssuġġerrixxa biex il-Kunsilliera Elaine, Eric u Kearon jikkordinaw bejniethom u jaraw x' jista jsir.

3.16 Is-Sindku semma li kienet se ssir il-laqgħa plenarja fis-17 t' Ottubru sabiex il-Kunsilliera jħallu din id-data libera.

3.17 Is-Sindku ressaq quotation fuq dog litter bins lill-Viċi Sindku peress li dawn kienu se jkunu iffinanzjatti mir-Reġjun. Huwa qal li Mario Mallia ukoll kien se jagħti quotation.

3.18 Is-Sindku qal li kienet se ssir laqgħa minn naħa tal-Pulizija lill-Anzjani biex jipprevjenu l-kriminalita.

3.19 Is-Sindku qal li kienet se ssir attivita mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara fejn jista jkun hemm esebitti xogħolijiet artistiċi u l-fondi miġbura jingħataw il-karita. Huwa qal lill-Kunsilliera biex jekk nafu persuni li jistgħu jesebixxu navviċinawhom.

3.20 Il-Kunsillier Bruno qal li kien se jkun organiżżat tournament tal-billiard minn naħa tal-futbol b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Huwa qal li t-tournament tal-futbol dan jista jsir fil-bidu ta' Ġunju peress li għalihom dan il-perjodu huwa ideali biex ikun jista jsir dan it-tournament.

3.21 Il-Kunsillier Bruno qal li kellu lmenti minn dawk li jużaw Valletta Road biex jipparkjaw peress li qed ikun hemm ħafna karozzi ta' dawk li jaħdmu fil-viċin. Is-Sindku qal li huwa kien ressaq proposta fil-kabinett biex l-ex barriera issir parking. Is-Sindku qal li kull minn iħallas il-liċenzja għandu dritt jipparkja.

3.22 Il-Viċi Sindku saqsiet x' kien ġara fuq il-bozza li kien hemm permess biex issir fi Triq ir-Rixtellu. Is-Sindku qal li se jara aktar fid-dettal fuqha.

3.23 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri saqsiet x' jista jsir fuq l-għargħar li jgħaddi minn Triq il-Karmnu. Is-Sindku qallha li huwa kien mar mal-Perit fejn raw il-problema imma biex issiru l-water culverts irid ikun hemm fondi tal-EU peress li dawn ikollhom spejjeż kbar.

3.24 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li s-Segretarju kien għaddielu guideline dwar l-attivitajiet kulturali u kien qed jara fuqhom.

3.25 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex f' Wesgħet Dun Joe Camilleri quddiem il-Monument tal-Gwerra jitneħħew il-globi u jsiru dwal fejn hemm iz-zuntier.

3.26 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri tkellmet fuq il-parkeġġ ta fejn il-Bon Chocolat. Is-Sindku semma li s-Segretarju kien għaddielu dan l-ilment fejn mar fuq il-post u tkellem ma sid il-ħanut. Huwa ikkonferma li hija kienet qed tagħmel permess u ta kopja tiegħu lill-Kunsilliera Elaine Camilleri. Il-Kunsilliera Camilleri rat dan il-permess.

## 4.0 ATTIVITAJIET F' SETTEMBRU

4.1 Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li dwar il-Pets Day kienu se jattendu l-iskwadra tal-klieb u dawk tal-kavallerija u qed nistennew konfermi oħra.

4.2 Is-Sindku qal li qabel li tittieħed deċiżjoni huwa jrid ikun infurmat u mhux ikun hemm sitwazzjoni fejn il-Kunsill jiġi jidher li qed ibiddel il-pjanijiet mingħajr qbil għax tidher kerha.

4.3 Il-Kunsillier Eric Camilleri qal li kienet Jacqueline stess li ħadmet ħafna u għamlet kuntatti biex tkun organiżżata din l-attivita. Is-Sindku qal li tajjeb li darb' oħra jkunu ikkuntattjatti anki negozji oħra jekk humiex interessati jieħdu sehem. Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Eric Camilleri jistax ikellimha biex jieħu sehem il-pet shop l-ieħor li kien hemm Ħal Luqa.

4.4 Il-Kunsilliera semmew jekk nistgħux ineħħu l-arma tal-Kunsill minn fuq il-poster. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx li jsir hekk. Is-Sindku qal li aħna l-Kunsill konna avviċinati minnha u tajna l-permessi biex tkun tista ssir din l-attivita.

## 5.0 DOKUMENTI AMMINISTRATTIVI

5.1 Is-Sindku qal li kien hemm xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera Elaine Camilleri f' isem il-Partit Nazzjonalista biex jintalbu xi quarterly financial reports marbuta mal-Kunsill Lokali u rendikont ta kemm kien hemm qliegħ jew telf mill-courses u l-ħarġiet li kien qed jorganiżża l-Kunsill Lokali.

5.2 Is-Sindku ressaq rendikont fejn huwa spjega li kull darba li saru dawn l-attivitajiet il-Kunsill Lokali kellu jissussidja biex dawn saru. Is-Sindku ressaq ukoll kopja tal-istatements finanzjarji tal-Kunsill, il-baġitt, minuti, link tal-live streaming u schedules of payments li kienu intalbu mill-Kunsilliera.

5.3 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri qalet li kien sar misunderstanding peress li hija ma kinitx taf li dawn id-dokumenti kienu mgħoddija lill-Kunsillier Caruana u kien għalhekk li bagħatet l-email fejn talbet dawn id-dokumenti.

5.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill mhuwiex fallut għax kieku mhux se jkun qed jiddiskuti biex jagħmel proġetti bħal bandli u huwa wieħed mill-Kunsilli hawn Malta li huwa minn ta quddiem. Huwa qal li fil-Kunsill ma nistgħux nimxu bl-atteġjament tal-Partiti għax kulħadd irid jiġbed ħabel wieħed fejn l-ewwel irid iżomm f' moħħu lil Ħal Luqa.

5.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk jistax jerġa jibda jkollhom rendikont tax-xahar fejn kien ikun hemm. Is-Segretarju qal li dan jista jerġa jibda jsir.

5.6 Is-Segretarju qal li huwa ħassu urtat bl-email t' Elaine peress li din l-email ma kinitx indirizzata lilu l-ewwel. Hija qalet li wara li bagħtitilha Ingrid imbagħad lilu ikkupjatu. Is-Segretarju qallha li darb' oħra emails ta din it-tip iridu jintbagħatu lilu mill-ewwel peress li l-istaff tal-Kunsill jikkonsultaw miegħu qabel jiktbu u huwa li jagħti l-ordnijiet.

## 6.0 MOZZJONIJIET

6.1 Kien hemm mozzjoni imressqa mill-Viċi Sindku u sekondata mis-Sindku biex isir air conditioner fejn hemm is-sala tal-courses. Is-Sindku semma li hemm il-kċina ukoll ippjanata għal din is-sena u għalhekk l-air conditioner jista jsir f' Mejju tas-sena d-dieħla peress li issa s-Sajf daqt jgħaddi u s-sħana taffiet. Kien hemm qbil unanimu.

6.2 Kien hemm mozzjoni imressqa mis-Sindku u sekondata mill-Kunsillier Eric Camilleri biex parti mill-fondi tal-UIF jintużaw għall bandli. Din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu fuqha.

6.3 Kien hemm mozzjoni mressqa mis-Sindku u sekondata mill-Kunsilliera Lucia Massa sabiex jinxtraw bankijiet minn fondi li għaddew il-Greenpak fuq award għaż żieda fil-ġbir tal-iskart separat ġewwa Ħal Luqa, lill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu.

## 7.0 WEBSITE

7.1 Il-Kunsillier Bruno qal li kien hemm laqgħa ma tal-website fejn spjega l-proposta. Is-Segretarju kompla jagħti briefing ta' kif kienet se tkun il-website. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta li ssir il-website kif deskrita.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Is-Segretarju semma li kien hemm pagament marbut mal-After School Sports Programme li kienet saret fl-2013 li kkonferma li kien għadu ma tħallasx.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 20 t' Awwissu 2015 fis-7.15 pm. Kien hemm id-data tal-15 ta' Settembru 2015 proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2015.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv